**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA’ ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

Illum, 2 ta’ Lulju 2025

**Il-Pulizija**

**vs**

**Shamison Stafrace**

(Detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 212197(M))

**Il-Qorti,**

Rat li Shamison Stafrace ta' 28 sena, iben Stephanie Stafrace, mwieled Pieta’ nhar l-01 ta’ Gunju 1997, jirrisjedi gewwa l-indirizz Binja Zifla BLK A, FL 6, Triq il-Madonna tar-Ruzarju, Tarxien u detentur tal-karta ta' l-identita` 0212197M, tressaq taħt arrest u ġie akkużat talli matul ix-xahar ta’ Mejju 2025, f’diversi hinijiet, gewwa dawn il-Gzejjer Maltin;

1. Hebbejt kontra s-siehba prezenti jew ta’ qabel u cioe’ Amarea Camilleri, sabiex tingurja, iddejjaq jew taghmel hsara lil Amarea Camilleri jew lil haddiehor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa’ that xi dispozizzjoni ohra tal-Kodici Kriminali;

Art. 339(1)(d) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta

2. U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi, ghamilt ingurji jew theddid mhux imsemmija band’ohra fil-Kodici Kriminali lis-siehba prezenti jew ta’ qabel u cioe’ Amarea Camilleri, jew, jekk kont ipprovokat, ingurjajt b’mod li hrigt barra mill-limiti tal-provokazzjoni;

Art. 339(1)(e) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex kemm-il darba tinstab ħtija fl-imputat għar-reati kollha jew uħud minnhom:

i. Tħaddem id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

ii. Tħaddem id-disposizzjoni tal-Artikoli 412Ċ, 392A, u 383 et seq. tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li llum stess wara li l-uffiċjal prosekutur qara u kkonferma bil-ġurament l-akkużi kontra tiegħu, l-akkużat ammetta l-akkużi.

Rat li fid-dawl tal-ammissjoni tal-akkużat, l-Qorti spjegat il-portata ta' l-ammissjoni, kif ukoll l-possibbli sentenza li tista' tingħata fiċ-ċirkostanzi. Tat ukoll żmien lill-akkużat sabiex jerġa jikkonsulta mal-Avukat tiegħu, u tatu wkoll żmien biex jerġa jikkonsidra l-ammissjoni tiegħu, u meta l-Qorti reġgħet staqsiet lill-akkużat jekk hux qed jikkonferma l-ammissjoni tiegħu, huwa ikkonferma l-ammissjoni.

Rat l-atti proċesswali kollha.

Semgħat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Fl-isfond ta' l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-akkużat, il-Qorti ma għandhiex triq oħra salv li ssib lill-akkużat ħati ta' l-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu.

Illi il-Qorti semgħet lill-imputat jiddikjara li iddispjaċih ta' dak li ġara u li mhux ser jerġa jaġixxi b'dan il-mod, kif ukoll talab skuża.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi wara li rat l-Artikoli 339(1)(d)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti fuq ammissjoni tiegħu stess issib lill-imputat Shamison Stafrace, detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 212197(M) ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu, u minnflok il-piena u sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku, torbot lill-ħati jżomm l-kwiet ma' Amarea Camilleri b'obbligazzjoni

tiegħu innifsu għal-żmien sena mid-data tas-sentenza taħt penali ta' elfejn u tlett mitt Ewro (€2,300).

Il-Qorti ulterjorment tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-ħati għal protezzjoni ta' Amarea Camilleri liema ordni tkun għal perjodu ta' sentejn (2) skont il-kundizzjonijiet msemmija fid-digriet ta' din il-Qorti tal-lum stess u li jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti finalment tordna l-komunika ta' din is-sentenza u ordni maħruġa llum u li jifformaw parti minnha lill-Kummissarju tal-Pulizija. Tordna ukoll in-notifika tal-Ordni ta' Trażżin lill-parti leża.

Il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba kkontemplata abbażi tal-artikoli 412C, peress li pprovdiet għall-protezzjoni tal-parti leża bl-applikazzjoni tal-artikolu 382A, kif ukoll tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba kkontemplata abbażi tal-artikoli 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta peress li ma jirriżultax mill-atti proċesswali li ġew maħtura xi esperti jew periti.

**Dr Kevan Azzopardi B.A., LL.D**
**Maġistrat**

**Josanne Gauci**
**Deputat Reġistratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------